MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 1222/2005/1

**Dr. Joseph Ralph Grech u Maria Borg, ahwa Grech, u Giovanna D'Arco sive Joan Cauchi u Anne-Maria Camilleri bhala ulied u werrieta tal-mejjet Paolo Grech, u Joseph Debono sive Joe Debono Grech M.P., Emanuel sive Emmie Debono, Tussaint sive Tuse` Debono, Maria Anna sive Mirabelle Corlett, Augustus Anton Debono sive Gaston Debono u Carmelo sive Lino Debono bhala ulied u werrieta tal-mejta Giovanna Debono u b'digriet tal-14 ta' Novembru 2009, Ivan Grech Mintoff gie mahtur bhala kuratur tal-attur interdett Dr. Joseph Ralph Grech M.D.**

**v.**

**Calamatta Cuschieri & Co. Limited u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2006 il-Provincja Frangiskana ta' San Pawl Appostlu giet kjamata in kawza**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fit-22 ta' Dicembru 2005 li jaqra hekk:

> "Billi Antonio sive Anthony Grech miet fis-7 ta' Lulju 2001, kif jirrizulta mill-Att tal-Mewt numru 1047/2001, filwaqt li martu Elena Maria Grech mietet fis-26 ta' Gunju 1995, kif jirrizulta mill-Att tal-Mewt numru 1739/1995.
>
> "Billi mir-ricerki dwar testmenti rrizulta illi huwa kien ghamel testment unica charta flimkien ma' martu Elena Maria Grech fit-8 ta' Frar 1992 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt.
>
> "Billi kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni 'causa mortis' rilaxxjata min-Nutar Ruben Casingena fil-25 ta' Settembru 2001:
>
>> ""Illi skond l-imsemmi testment li kien fil-forma ta' Unica Charta, Antonio Grech u martu Elena Grech innominaw lil xulxin eredi universali u proprjetarji assoluti tal-assi kollha rispettivi taghhom, u dan anke peress illi ma kienx hemm tfal miz-zwieg taghhom …
>>
>> "Peress illi mir-ricerki fuq indikati ma jirrizultax illi Antonio Grech ghamel xi testment iehor ghaldaqstant is-successjoni tieghu giet regolata bilprovedimenti tal-ligi ndikati fil-Kodici Civili ta' Malta. U peress illi l-genituri ta' Antonio Grech huma mejtin, ghaldaqstant il-wirt tieghu jmur fuq l-erba' hutu

> f'ishma ugwali bejniethom. L-erba' hutu huma : (1) Maria Borg, (2) Dottor Giuseppe Grech, (3) Paola Grech u (4) Giovanna Debono. Peress illi Paolo Grech miet fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000), is-sehem tieghu mar ghand iz-zewg uliedu u cioe' Giovanna D'Arco sive Joan Cauchi u Anne Maria Camilleri. Giovanna Debono mietet ukoll fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) u ghalhekk is-sehem taghha mar ghand uliedha kollha u cioe' Joseph Debono sive` Joe Debono Grech, Emanuel sive Emmie Debono, Tussaint sive Tuse' Debono, Maria Anna sive Mirabella Corlett, Augustus Anton Debono sive Gaston Debono, Carmelo sive Lino Debono."

"Billi konsegwentement, l-atturi huma l-eredi skond il-Ligi tal-mejjet Anthony Grech.

"Billi l-imsemmi Anthony Grech kien ghamel investiment konsistenti f'11.5% Argentina 2001 f'ammont ta' flus konsiderevoli f'liri Sterlini, liema investiment immatura fl-14 ta' Awwissu 2001.

"Billi l-konvenuti Calamatta Cuschieri Company Limited (Stockbrokers) qeghdin jiddetjenu s-somma ta' ghaxart elef Sterlina (GBP 10,000) rapprezentanti dan linvestiment 11.5% Argentina 2001 flimkien ma' l-imghax li akkumula fuq l-imsemmija somma, u ilhom hekk jiddetjenu l-istess flus sa mill-14 ta' Awwissu 2001 meta mmatura dan l-investiment f'isem Anthony Grech.

"Billi fid-data ta' mewt ta' l-imsemmi Anthony Grech, jigifieri fis-7 ta' April 2001, dawn il-flus kienu ghadhom mizmuma mill-konvenuti Calamatta Cuschieri Company Limited (Stockbrokers).

"Billi l-konvenuti, interpellati sabiex jirrilaxxjaw dawn il-flus lill-atturi bhala werrieta skond il-Ligi ta' l-imsemmi Anthony Grech, baqghu inadempjenti u attribwew dan innuqqas taghhom ghall-fatt li d-decujus kien iffirma dokument li kopja tieghu qed tigi hawn annessa (Dok. X) bl-istruzzjonijiet tieghu.

"Billi jekk l-istruzzjonijiet ta' l-imsemmi Anthony Grech kontenuti fid-Dok. X jigu meqjusa bhala donazzjoni, tali donazzjoni ma jistax ikollha effett fil-Ligi peress illi ma saritx bil-mezz ta' att pubbliku, kif rikjest mil-Ligi, u ghalhekk hija nvalida u nulla.

"Billi jekk permezz ta' dan id-dokument id-decujus ittenta jaghmel dispozizzjoni testamentarja, tali dispozizzjoni setghet issir biss bil-mezz ta' testment pubbliku jew testment sigriet u mhux xort'ohra, u ghalhekk tali dokument zgur huwa nvalidu u null.

"Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex :

"1. Tiddikjara illi s-somma rapprezentanti linvestiment 11.5% Argentina 2001 flimkien ma' l-imghax li akkumula mill-14 ta' Awwissu 2001 sal-lum hija dovuta u ghandha tithallas lill-atturi bhala eredi skond il-ligi tal-mejjet Anthony Grech.

"2. Tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu minnufih lill-atturi msemmija somma rapprezentanti l-investiment 11.5% Argentina 2001 flimkien ma' l-imghax skond il-Ligi li akkumula mill-14 ta' Awwissu 2001 sal-lum.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra privata tal-25 ta' April 2003 u tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar 2004 kontra lkonvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi preliminarjament l-atturi ghandhom jaghtu prova li huma lkoll l-unici eredi tad-decujus Anthony Grech skond il-ligi, altrimenti l-interess taghhom jigi nieqes u/jew il-gudizzju ma jistax ikun wiehed integru.

"2. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju stante li ma giex inharrek ir-Rapprezentant tal-Provincja Frangiskana ta' San Pawl Appostlu li manifestament ghandha nteress f'din il-kwistjoni kif jirrizulta inter alia mid-

dokumenti annessi u mmarkati Dok. “A” u “B” u mid-dokument market Dok. X anness maccitazzjoni ta’ l-atturi.

“3. Illi preliminarjament ukoll it-talbiet ta’ l-atturi huma nsostenibbli peress illi filwaqt li jistriehu fuq ilpremessa fic-citazzjoni illi d-donazzjoni li ghamel iddecujus Anthony Grech hija nvalida u nulla ma saret ebda talba ad hoc sabiex id-donazzjoni in kwistjoni tigi ddikjarata nvalida u nulla, liema talba kellha tkun preordinata ghat-talbiet odjerni.

“4. Illi salv il-premess u fil-mertu, is-socjeta’ konvenuta tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

“5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti moghti fis-27 ta’ Jannar 2006, fejn kienet ordnata l-kjamata fil-kawza tal-Provincja Frangiskana ta’ San Pawl Appostlu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-imsemmija kjamata fil-kawza li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi preliminarjament il-kumpannija konvenuta Cuschieri Calamatta & Company Limited kif imsemmija fic-citazzjoni ma tezistix fir-Registru tal-Kumpanniji.

“2. Illi preliminarjament l-atturi ghandhom jaghtu prova li huma lkoll eredi tad-decujus Anthony Grech skond il-ligi, altrimenti l-interess taghhom jigi nieqes u/jew l-gudizzju ma jistax ikun wiehed integru.

“3. Illi preliminarjament ukoll it-talbiet tal-atturi huma nssostenibbli peress illi filwaqt li jistriehu fuq il-premessa fic-citazzjoni illi d-donazzjoni li ghamel id-decujus Anthony Grech hija invalida u nulla, ma saret lebda talba ad hoc sabiex id-donazzjoni in kwistjoni tigi dikjarata invalida u nulla, liema talba kellha tkun preordinata ghat-talbiet odjerni.

“4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-investiment 11.5% Argentina 2001 in kwistjoni mhuwiex ta’ propjeta’ tal-atturi.

“5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Gunju 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kumpannija konvenuta u tal-kjamata fil-kawza.

“Fir-rigward tal-ewwel talba, tiddikjara li bhala eredi intestati tal-mejjet Anthony Grech, l-atturi flimkien ghandhom jedd jithallsu s-somma ekwivalenti filmunita Ewro ta’ l-ammont ta’ Liri Sterlini hdax –il elf mija u hamsin (GBP 11,150) skond ir-rata medja tal-kambju fid-data tal-lum mahruga mill-Bank Centrali ta’ Malta, bl-imghax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena b’effett mid-29 ta’ Jannar 2004.

“Fir-rigward tat-tieni talba, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-atturi flimkien is-somma ekwivalenti fil-munita Ewro ta’ l-ammont ta’ Liri Sterlini hdax –il elf mija u hamsin (GBP 11,150) skond ir-rata medja tal-kambju fid-data tal-lum mahruga mill-Bank Centrali ta’ Malta, bl-imghax legali ta’ tmienja filmija (8%) fis-sena b’effett mid-29 ta’ Jannar 2004.

"B'applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Sintesi tal-Fatti Saljenti**

"Anthony Grech ghamel investiment kapitali ta' GBP 10,000 fl-Argentina li kien irendi imghax annwu ta' 11.5%. Hu u martu ma kellhomx tfal. Martu mietet l-ewwel u hu kien l-eredi ta' martu. Dawn il-fatti mhux kontestati.

"Fil-5 ta' April 2001, u cioe` jumejn miet, Anthony Grech ghamel l-ittra jew dikjarazzjoni li tinsab esebita bhala DOK B a fol 17 tal-process li tghid hekk –

*""I authorise the Very Rev. Father Provincial Fr Bernard Bartolo OFM – ID 750034(M), to withdraw the above said sum on redemption (maturity) on the 14th of August 2001.*

*"I wish to inform you that the interests of this amount, approximately GBP 1,150 will be sent to me by cheque, and repeat, the sum of GBP 10,000 will be handed over to the said Father Provincial …"*

"L-atturi jikkontendu li huma l-eredi ta' Anthony Grech. Il-kumpannija konvenuta u l-kjamata fil-kawza mhux jikkontestaw *a priori* li huma hekk; qeghdin ighidu biss li latturi ghandhom igibu l-prova ta' dan, kif ukoll li huma lunici eredi. L-atturi jsostnu li dak l-investiment li mmatura fl-14 ta' Awissu 2001, u allura wara l-mewt ta' Anthony Grech li sehhet fis-7 ta' April 2001, sar taghhom b'wirt ghaliex id-DOK.B mhux donazzjoni fl-ewwel lok ghaliex ma kienx hemm att pubbliku u fit-tieni lok ghaliex donazzjoni *causa mortis* mhix ammissibbli skond il-ligi. Dwar jekk id-DOK B jikkostitwix donazzjoni valida skond il-ligi, il-kumpannija konvenuta rrimettiet ruhha ghall-gudizzju tal-Qorti, waqt li l-kjamata fil-kawza tghid li l-investiment in kwistjoni mhux propjeta` tal-

atturi. Wara li mmatura l-investiment, il-flus ghaddew fil-pussess tal-konvenuti. Skond l-istruzzjonijiet ta` Anthony Grech, il-kumpannija konvenuta harget cheque ghall-ammont ta' GBP 10,000 f'isem Patri Bernard Bartolo ghall-kjamata fil-kawza u dan ntbaghat bil-posta fir-residenza tal-mejjet Anthony Grech. Ic-cheque baqa` ma ssarrafx u lanqas kien ritornat lill-kumpannija konvenuta. Din tallega li c-cheque zammewh l-atturi.

"L-awtenticita' ta' DOK B mhix kontestata. Skond il-kumpannija konvenuta u kjamata fil-kawza, l-intenzjonijiet ta' Anthony Grech kienu cari u cioe` huwa ried u fil-fatt huwa ta struzzjonijiet bil-miktub lill-kumpannija konvenuta sabiex b'effett mid-data tal-gheluq tal-investiment u cioe` l-14 ta' Awissu 2001, il-kapital kollu ta' GBP 10,000 jinghata b'donazzjoni lill-Provincjal Patri Bartolo filwaqt li limghax akkumulat ghal dik is-sena jintbaghat lill-istess Anthony Grech.

"Fl-affidavit tieghu (fol 82), Rev Richard Grech jixhed hekk–

*""Is-Sur Antonio Grech kien wiehed anzjan li kien jiffrekwenta l-Kappella regolarment. Darba wahda kellimni u qalli li xtaq jaghtini is-somma ta' Lm10,000 li llum hi ekwivalenti ta' Ewro23,293.73. Jiena mill-ewwel ghidtlu li ma nistax naccetta flus ghalija minhabba l-vot tal-faqar imma, jekk irid jista' jaghtihom lill-provincja taghna Maltija Frangiskana ta' San Pawl Appostlu. Huwa qalli li kien kuntent jaghmel hekk u qalli sabiex nirranga li nlaqqghu mal-Patri Provincjal ta' dak iz-zmien, P Bernard Bartolo OFM (illum mejjet) …"*

"Huwa jkompli jixhed illi, flimkien ma` Patri Bartolo, marru ghand Anthony Grech –

*""Dahhalna gewwa u hadna madwar mejda li fuha kien hemm madwar ghoxrin jew tletin folders, li kif qalilna hu, kull wiehed minnhom kien fih kont ta' flus, GBP10,000 il wiehed, investiti fl-Argentina. Qalilna li kienet ix-xewqa tieghu u anke tal-mara tieghu li kienet mejta, li jaghtina xi haga zghira minn dawk il-flus kollha li kellhom. Kien hawn li qalilna biex niehdu wiehed minn dawn il-kontijiet. Naturalment P Bernard Bartolo OFM, waqt li esprima rradd il-hajr tieghu ghan-nom tal-Provincja taghna, qallu li kien ser ihalli f'idejh liema wiehed jaghtina. Hawnhekk is-Sur Grech qabad wiehed u taghhulna. L-unika kundizzjoni li ghamlilna kienet li sakemm idum haj, l-imghax jibqa' jircevih hu. Qalli sabiex naghmillu ittra f'ismu indirizzata lil istockbrokers tieghu, Calamatta & Cuschieri Co. Ltd sabiex jinfurmahom b'dan larrangament. Jiena*

*ktibtlu l-ittra dak in-nhar stess u hadthielu biex jiffirmaha u inpostajtha dak in-nhar stess ukoll."*

"Ix-xhud kompla jghid hekk (ara fol. 98) :

*""Hu qalli li hu kien armel, il-mara tieghu kienet mejta, tfal ma kellhomx u qalli kienet ix-xewqa tieghu u tal-mara illi kull ma kellhom huma u dina qed nghid b'gurament, kull ma kellhom huma jaghtuh jew lil ordnijiet religjuzi jew istituti ta' karita', ghax kif qal hu testwalment kemm kienu hajjin kienu abbandunati minn kulhadd."*

**"Ikkunsidrat -**

**"Il-Prova tal-Atturi bhala Unici Eredi ta' Anthony Grech**

Il-kumpannija konvenuta, fl-ewwel eccezzjoni taghha, u l-kjamata fil-kawza, fit-tieni eccezzjoni taghha, ighidu in linea preliminari li jispetta lill-atturi li jressqu l-prova mhux biss li huma l-eredi ta' Anthony Grech izda li huma l-unici eredi tieghu. L-oneru tal-atturi kien li jressqu l-ahjar prova. Jidher li Anthony Grech kellu erba` hutu : Joseph, Maria, Paolo u Giovanna. L-atturi huma tnejn mill-ahwa (Joseph u Maria) u l-ulied taz-zewgt ahwa l-ohra (Paolo u Giovanna) li huma mejtin. Ghall-fini ta' din il-prova, l-atturi Joan Cauchi, Mary Borg, Dr. Joseph Grech u Carmel Debono (tergo ta' fol 5) bil-gurament taghhom ghamlu riferenza ghad-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-25 ta' Settembru 2001 rilaxxjata min-Nutar Ruben Casingena li pero` ma gietx esebita. Saret riferenza wkoll ghall-att ta' divizjoni tat-23 ta' Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena (fol 58 et seq). Din il-Qorti tghid li ladarba jidher li l-atturi kienu l-eredi *intestati* ta' Anthony Grech billi ma jirrizultax li dan miet testat, kien ikun ahjar li kieku tressqu bhala prova r-ricerki testamentarji tieghu, u anke l-apertura tas-successjoni, jekk saret dik il-procedura. Fl-istess waqt, mill-att pubbliku esebit, jirrizulta li l-qasma saret ghaliex il-kondividenti kellhom titolu naxxenti mis-successjoni ta' Anthony Grech. Din il-Qorti trid tghid ukoll li matul l-*iter* tal-kawza, specjalment mill-mod kif ikkontrollaw il-provi tal-atturi, ma jidhirx li l-kumpannija konvenuta jew il-kjamata fil-kawza baqghu jinsistu fuq din l-eccezzjoni. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta u t-tieni eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza.

**“Ikkunsidrat –**

**“L-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza**

“L-isem tal-kumpannija konvenuta huwa citat bhala *Cuschieri Calamatta & Company Limited.* Il-kjamata fil-kawza tghid li dak l-isem ma jirrizultax fir-Registru tal-Kumpanniji. Pero` l-kjamata fil-kawza ma ressqitx il-prova ta’ dan. Fl-istess waqt, meta tat l-eccezzjonijiet taghha, il-kumpannija konvenuta wiegbet bl-isem li gie citata bih u ma ressqet l-ebda eccezzjoni li tharrket b’isem hazin. Ghalhekk qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza.

**“Ikkunsidrat –**

**“Talba *ad hoc* sabiex id-donazzjoni tkun dikjarata nulla**

“Il-kumpannija konvenuta u l-kjamata fil-kawza fit-tielet eccezzjoni taghhom ighidu li ladarba l-atturi kienu qed isostnu li ghadhom jedd ghall-flus huma b’wirt ghax l-allegata donazzjoni kienet nulla, l-atturi kellhom iressqu talba *ad hoc* fejn jitolbu n-nullita` tal-istess allegata donazzjoni.

“Huwa principju accettat fil-gurisprudenza taghna li “*ognuno ha` il diritto di avanzare una domanda perche` la Corte dichiari sulla esistenza o meno di un suo diritto; basta che l’attore mostri che abbia un interesse attuale e che il diritto sia accertata di fronte al suo legittimo contradittore come conseguenza di una stato di cose*”

“(**Kollez. XXVIII.III.1206**).

“Il-kwistjoni sollevata b’din it-tielet eccezzjoni ssib twegiba fis-sentenza moghtija fil-11 ta’ Novembru 1957 fil-kawza “**Baldacchino vs Borg pro et noe et**” (Prim’Awla tal-Qorti Civili [AM]) fejn jinghad hekk –

> *““Hu principju illi n-nullita` ta’ att, jekk ikun il-kaz ta’ nullita` stabbilita mil-ligi, tista’ tingieb ‘il quddiem anki b’eccezzjoni, u mhix mehtiega azzjoni separata bid-domanda ghar-restituzzjoni tal-haga donata minghajr ilformalita` tal-att pubbliku li tikkomprendi anki talba gharrexissjonbi ta’ dik id-donazzjoni, ghalkemm fic-citazzjoni jinghad li dik il-haga hi posseduta mill-konvenut illegalment. L-illegalita’ tal-pussess allegata mill-attur mhix inkompatibbli mal-fatt li l-oggett tad-donazzjoni baqa` tal-attur minhabba li gie nullament donat. Ghaldaqstant meta l-attur jitlob ir-restituzzjoni ta’ oggetti li l-konvenut ippossessa ruhu minnhom illegalment mentri fil-fatt kienu gew ghand l-attur donati mill-konvenut nullament ghax minghajr att pubbliku mhix f’lokha* (sottolinear ta’ din il-Qorti) *l-osservazzjoni illi l-kawzali tac-citazzjoni tirrigwarda oggetti ta’ propjeta` tal-attur li minnhom il-konvenut ippossessa ruhu illegalment, mentri fil-fatt dawk l-oggetti kienu gew minnu donati, u li ghalhekk l-attur messu talab espressament in-nullita` tad-donazzjoni.”*

“Issa l-kumpannija konvenuta u l-kjamata fil-kawza mhux qed ighidu li ghax l-atturi ma ressqux talba *ad hoc* ghan-nullita` tal-allegata donazzjoni, l-istanza taghhom hija nulla. Qed ighidu biss li *t-talbiet attrici huma insostenibbli*. Din il-Qorti tghid li l-assenza ta’ dik it-talba ma jgibx innullita`. Illum huwa accettat li mhijiex necessarja l-ebda formula espressa ghall-propozizzjoni ta’ l-azzjoni (**Kollez. XVIV.II.501**) basta li jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur (**Kollez. XXIX.I.431**) u dan jinghad ghaliex ic-citazzjoni ma ghandhiex tigi mwaqqfa u allura t-talbiet attrici respinti hlief ghar-ragunijiet gravi (**Kollez. XXIX.I.106**). Fil-kaz tal-lum, huwa evidenti li l-atturi rabtu t-talbiet mal-premessi, li naturalment iridu jgibu prova taghhom fil-mertu, pero` ma kienx mehtieg ghas-success tal-azzjoni tal-atturi u jitolbu specifikament in-nullita` tal-allegata donazzjoni. L-att tac-citazzjoni ma jistax jinghad li huwa nieqes minn xi formalita` sostanzjali jew li t-talba hija ncerta jew distakkata mill-premessi inkella mhux definita (**Kollez. XXXIII.I.535**). Ghalhekk it-talbiet taghhom mhumiex insostenibbli ghax ma ghamlux talba ad hoc kif pretiz mill-partijiet l-ohra fil-kawza. Ghalhekk din il-Qortio qeghda tichad it-tielet eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta u tal-kjamata fil-kawza.

**“Ikkunsidrat -**

**“Il-Mertu**

**“L-assenza ta’ att pubbliku**

"Huwa pacifiku li fil-kaz tal-lum it-titolu vantat mill-kjamata fil-kawza u kontestat bhala invalidu u null mill-atturi mhux naxxenti minn att pubbliku izda fuq bazat biss fuq l-ittra DOK B.

"L-Art.1753 tal-Kap.16 huwa car. Fis-subinciz (1) hemm stipulat li donazzjoni hija dejjem sottoposta ghall-formalita` ta' l-att pubbliku biex ma tkunx nulla, hlief fil-kazijiet eccettwati mil-ligi stess u li huma elenkati fis-subinciz (2) u cioe` l-ghotijiet ta' rigali li jinghataw min id ghal id, u l-ghotjiet ta' flus jew hwejjeg ohra mobili korporali, jekk is-somma jew il-valur taghhom ikun zghir avut rigward ghall-kondizzjonijiet tal-persuni u cirkustanzi ohra ("**Bonnici vs Spiteri**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili (TG) – 13 ta' Jannar 1948).

"Fil-kaz tal-lum, ladarba rrizulta li ma kienx hemm att pubbliku, sabiex dak li sar minn Anthony Grech jista` jitqies bhala rigal manwali u allura jkun ezentat mill-formalita` ta' l-att pubbliku, u b'hekk il-kjamata fil-kawza tirrespingi l-pretensjoni tal-atturi , jehtiegu tliet elementi:

> "(1) L-oggett mobili moghti bhala rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjoni ekonomika tad-donanti ;
>
> "(2) Ir-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, b'mod li dak l-oggett ighaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju ; u
>
> "(3) Id-donanti jkollu effettivament il-volonta` li jiddona u li jinvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona.

"In-nuqqas ta' xi wiehed minn dawn it-tliet elementi jinnewtralizza l-hsieb li l-oggett donat ghandu jigi kunsidrat bhala don manwali ghall-fini ta' l-ezenzjoni fuq imsemmija. (ara – "**Pace vs Caruana et**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili (AVC) – 17 ta' Ottubru 1949)

"Din il-Qorti se tghaddi issa ghall-analizi ta' kull element fl-isfond tal-provi akkwiziti.

**“L-ewwel element**

“Fil-kawza “**Pace vs Caruana et**” (op. cit.) inghad hekk –

> *““Il-modicita` jew eccessivita` tad-donazzjoni sabiex jista` jinghad li hija fil-kaz specifiku tirrivesti l-karattru ta’ don manwali hija varjanti skond il-valur ta’ l-oggett u l-fortruna tad-donanti. Huwa ghalhekk li dik ir-relazzjoni trid tigi studjata u ezaminata.”*

“Dwar il-prova tal-konsistenza tal-patrimonju ta’ Anthony Grech, hemm l-evidenza ta’ Patri Richard Grech. Dan xehed illi meta dahal ghand Anthony Grech, huwa ra fuq il-mejda ra xi ‘***ghoxrin jew tletin folders*****’ li kif qalilhom hu stess, ‘*****kull wiehed minnhom kien fih kont ta’ flus, Lm10,000 il-wiehed, investiti fl-Argentina’*****.** Ghajr ghal din, din il-Qorti m’ghandhiex indikazzjonijiet ohra dwar il-gid ta’ Anthony Grech. Tghid biss li l-attur Dr Joseph Ralph Grech, fix-xhieda tieghu a fol. 68 tal-process jikkonferma li huh Anthony kien benestant. Meta mistoqsi dwar il-konsistenza tal-wirt tieghu, Dr Joseph Ralph Grech wiegeb - ‘*Mhux boqxix, u eredita’ u deheb’*, u kompla, ‘*f’hiex ma nistax nghidlek ghax kienu ghandu. Imma kont naralu crieket, kien jitkellem fuqhom, bini u flus li ghandu hawn u ghandu hemm’*. Ix-xhud ma setax ikun aktar preciz ghaliex sa dakinhar li xehed il-wirt ta’ huh ma kienx ghadu nqasam.

“Rinfaccjata minn provi daqstant skarni dwar il-konsistenza tal-patrimonju ta’ Anthony Grech, piz ta’ prova li certament kien jispetta lill-atturi, din il-Qorti ma tistax twarrab fil-genb evidenza daqstant cara u inekwivoka ta’ Patri Grech. It-taghrif li xehed dwaru kisbu minghand id-decujus, sar jaf bih ghax id-decujus qallu minn jeddu u dan prattikament ftit jiem biss qabel il-mewt tal-istess Anthony Grech. Ghalhekk ghalkemm il-figura ta’ GBP 10,000 *qua* figura oggettivament hija gholja, tissoddisfa l-ewwel element konsiderata soggettivament fil-kaz ta’ Anthony Grech u tal-bqija tal-gdid tieghu kif deskritt fuq fuq mill-attur Dr. Joseph Ralph Grech.

“Ghalhekk din il-Qorti tghid li fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz l-ewwel element jirrizulta.

**“It-tieni element**

“F’dan l-element, id-difiza tal-kjamata fil-kawza (u indirettament tal-kumpannija konvenuta) ma tistax tirnexxi. Id-DOK B huwa car. Minnu la jirrizulta l-immedjatezza tat-*traditio* lanqas l-irrevokabilita`. Din il-Qorti tghid ghaliex fil-5 ta’ April 2001, Grech ried li Patri Bernard Bartolo jkun awtorizzat jiehu s-somma ta’ GBP 10,000 fl-14 ta’ Awissu 2001 mhux qabel. Apparti dan, id-dokument ma jsemmi assolutament xejn li dik l-awtorizzazzjoni kienet irrevokabbli. Daqskemm l-istess Grech insista li fl-imsemmi dokument li fl-14 ta’ Awissu 2001, l-imghax ta’ GBP 1150 jiehdu hu mhux Patri Grech, daqstant iehor ma kien hemm xejn li kien izomm lil Grech milli f’xi zmien wara l-5 ta’ April 2001 jibdel l-istruzzjonijiet li kien ta f’dik littra. Huwa propju ghal din ir-raguni, u cioe` sabiex tipprevjeni ripensamenti, li l-ligi tinsisti bhala t-tieni element fuq *traditio* immedjat u rrevokabbli. Fil-kaz tal-lum, ma rrizultax l-att materjal tad-donazzjoni. Minghajr dak l-element, ma jistax ikun hemm donazzjoni. Din il-Qorti trid izzomm quddiemha l-principju tad-dritt Ruman, tutt’ora vigenti, illi “*in dubio autem donatio non praesumitur*”. (ara wkoll – “**Gauci vs Borg**” – Prim’Awla tal-Qorti Civili [MCC] – 4 ta’ Frar 1965)

**“It-tielet element**

“Anke f’dan l-element, din il-Qorti huwa karenti, ghaliex anke jekk irrizulta li jumejn qabel miet Anthony Grech kellu l-“*animus donandi*”, u cioe` ir-rieda spontanea li jaghmel kontribuzzjoni patrimonjali gratuwita minn hwejgu b’intent benefiku u altruwistiku, fl-istess waqt ma kienx dispost li jinvesti ruhu immedjatament mill-flus izda ried li l-kjamata fil-kawza tiehu l-flus erba’ xhur wara. Ghalhekk lanqas l-irrevokabililta` ma kienet garantita.

“Affermat il-premess, ma hemmx lok li din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni jekk dak tal-lum setax kien kaz ta’ donazzjoni *causa mortis.* Ticcita biss mis-sentenza moghtija fit-23 ta’ Frar 1959 fil-kawza “**Balzan et vs Degiorgio et**” mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (AM) fejn inghad hekk –

> *““… donazzjoni ‘causa mortis’ giet abbolita mil-ligi taghna, mhux biss ghal dak li hu forma, imma anki ghaliex, ladarba s-sid ta’ dawk l-oggetti jibqa` propjetarju taghhom tul hajtu, l-oggetti jsiru tal-eredita` tieghu ma’ mewtu, u ddisposizzjoni taghhom ghal wara mewtu hi nulla ghax ma saritx b’testment.*”

**"Il-hlas tal-investiment**

"Ladarba meta mmatura l-investiment fl-14 ta' Awissu 2001 Anthony Grech kien lahaq miet, kif ukoll ladarba din il-Qorti diga` ddikjarat li ma kienx hemm donazzjoni valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a favur tal-kjamata fil-kawza, l-ammont li kellu jghaddi lill-eredi *at maturity* kellu jkun ta' GBP 11,150 in kwantu ghal GBP 10,000 bhala kapital u in kwantu ghal GBP 1,150 bhala imghax. Dan l-imghax ma kien qatt percepit minn Anthony Grech ghax lahaq miet u ma jirrizultax li hadu haddiehor. Mela ma kienx tajjeb l-ammont li l-kumpannija konvenuta ddepozitat taht l-awtorita` tal-Qorti bic-cedola Nru.122/2006 u li ghalih tirreferi l-kumpannija konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha (fol 113). Dik ic-cedola (li kopja taghha ma tirrizultax esebita) kellha tkun ghall-ammont ta' GBP 11,150 billi anke fuq l-iskorta tad-DOK B, il-kumpannija konvenuta kienet responsabbli ghall-hlas ta' dan l-ammont kollu. Ladarba c-cedola ma kenitx tkopri l-ammont kollu, il-kumpannija konvenuta ma tistax tghid li ghandha tkun eskluza mill-hlas tal-imghax legali b'effett mit-30 ta' Jannar 2006 li kienet id-data tal-presentata tac-cedola. Fl-isfond ta' dan kollu, u ladarba mhux kontestat li fid-29 ta' Jannar 2004 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali fejn irreklamaw il-hlas, allura l-imghax legali fuq GBP 11,150 ghandu jibda jiddekorri propju mid-29 ta' Jannar 2004."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta Calamatta Cuschieri & Co. Ltd li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tibdel u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet premessi billi filwaqt illi tirrevoka u thassar dik il-parti tas-sentenza li fiha l-ewwel Qorti ddikjarat li bhala eredi intestati tal-mejjet Anthony Grech, l-atturi flimkien ghandhom jekk jithallsu s-somma ekwivalenti fil-munita Ewro ta' l-ammont ta' Liri Sterlini hdax-il elf mija u hamsin (GBP11,150) skond ir-rata medja tal-kambju fid-data tas-sentenza mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta, bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mid-29 ta' Jannar 2004; u kkundannat lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-atturi flimkien is-somma ekwivalenti fil-munita Ewro tal-ammont ta' Liri Sterlini hdax-il elf mija u hamsin (GBP11,150) skont ir-rata medja tal-kambju fid-data tas-

sentenza mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta, bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mid-29 ta' Jannar 2004, tibdel u tirriforma l-istess sentenza billi:

"1. Fir-rigward tal-ewwel talba, tiddikjara – jekk ikun il-kaz – li bhala l-eredi intestati tal-mejjet Anthony Grech, l-atturi flimkien ghandhom jedd jithallsu s-somma ekwivalenti fil-munita Ewro tal-ammont ta' Liri Sterlini ghaxart elef skond ir-rata medja tal-kambju tas-26 ta' Jannar 2006 liema somma giet depozitata permezz ta' cedola ta' depozitu fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2006 [Nru tac-cedola 122/2006];

"2. Fir-rigward tat-tieni talba, tikkundanna – jekk ikun il-kaz – lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-atturi flimkien is-somma ekwivalenti fil-munita Ewro tal-ammont ta' Liri Sterlini ghaxart elef skond ir-rata medja tal-kambju tas-26 ta' Jannar 2006 billi tigi zbankata favur l-atturi c-cedola ta' depozitu pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2006 [Nru tac-cedola 122/2006];

"B'dan illi ghar-ragunijiet kollha suesposti s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-imghaxijiet legali sad-data tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

"Daqs tant ghandha l-unur tissottometti s-socjeta` konvenuta ghas-savju u wisq superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."

Rat ir-risposta ta' whud mill-atturi u l-appell incidentali taghhom li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"… … timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha inkwantu ghall-meritu fejn akkoljiet it-talbiet attrici, u tvarjaha biss billi tirrevokaha fir-rigward tal-kap tal-ispejjez billi tikkundanna lis-socjeta` appellant biex thallas l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi l-ispejjez kollha tal-atturi kif ukoll tal-kjamat in kawza."

Rat ir-risposta tal-atturi l-ohra;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi f'din il-kawza jghidu li huma l-eredi ta' Anthony Grech li kien investa, tramite s-socjeta` konvenuta, somma konsiderevoli f'11.5% Argentina 2001, u kien halla dokument mal-istess socjeta` fejn ordna li l-flus *on maturity* (madwar £stg10,000) jinghataw lill-patrijiet Frangiskani ta' San Pawl Appostlu. L-atturi jissottomettu li din id-"donazzjoni" hija nulla, u talbu li l-flus jinghataw lilhom. Il-kumpanija konvenuta ddepozitat is-somma ta' £stg10,000 taht l-Awtorita` tal-Qorti fit-30 ta' Jannar 2006 (permezz ta' cedola numru 122/2006).

L-ewwel Qorti sabet li l-atturi huma l-unici eredi ta' Anthony Grech, li ma kienx hemm bzonn kawza ad hoc sabiex id-donazzjoni tkun dikjarata nulla, li l-istess donazzjoni kienet fil-fatt nulla (kif jghid l-Artikolu 1753) tal-Kodici Civili, u li l-kumpanija konvenuta trid thallas lill-atturi l-ekwivalenti f' Euro tas-somma ta'

£stg11,150, piu imghax mid-29 ta' Jannar 2004, data ta' ittra ufficjali mibghuta lilha mill-atturi fejn intalab il-hlas.

Il-kumpanija konvenuta appellat mis-sentenza u ressqet tliet aggravji: li ma ngabitx l-ahjar prova li l-atturi huma l-eredi ta' Anthony Grech; li l-ewwel Qorti marret oltre dak mitlub meta akkordat imghax ghal qabel l-14 ta' Awwissu 2001, u li f'kull kaz l-ordni ta' hlas ta' imghax bit-8% fis-sena mid-29 ta' Jannar 2004, hija zbaljata fil-ligi stante d-depozitu li wettqu taht l-Awtorita` tal-Qorti.

Qabel ma titratta l-appell din il-Qorti trid tafferma li kuntrarjament ghal dak li ssottomettew l-atturi, is-socjeta` appellanti ghad ghandha interess guridiku fl-appell, avvolja l-Patrijiet Frangiskani ssokkombew ghas-sentenza u dan peress li d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar hlas ta' imghax u spejjez, tolqot direttament lis-socjeta` appellanti, u li allura minn dawk il-partijiet tas-sentenza ghandha interess u dritt li tappella.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kienet konxja mill-fatt, u hekk irrimarkat, li l-atturi kellhom iressqu l-ahjar prova illi huma l-eredi ta' Anthony Grech. L-ewwel Qorti ezaminat il-provi, partikolarment ix-xhieda dwar id-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret wara l-mewt ta' Anthony Grech, u l-kuntratt ta' divizjoni tat-23 ta' Marzu 2004, u ghalkemm osservat illi kien ikun

ahjar li kieku tressqu r-ricerki testamentarji tad-*decujus*, kienet konvinta mill-provi u d-dikjarazzjoni tan-Nutar fl-att ta' divizjoni, li l-atturi huma l-eredi ta' Anthony Grech. Din il-Qorti ezaminat il-provi migjuba fir-rigward u taqbel mal-ewwel Qorti li mill-assjem tal-provi jirrizulta li fil-fatt l-atturi huma l-unici eredi ta' dan Anthony Grech. Il-kuntratt ta' divizjoni sar ghaxar snin ilu, u ma jidhirx li dan gie kontestat minn xi terz estraneu ghall-kawza. Meta tqis li, skont il-ligi, talba ghal xi sehem mill-wirt trid issir fi zmien ghaxar snin mill-mewt, u stante l-qasma li tat lill-eredi sehemhom mill-wirt *uti dominus,* ma tarax li dak deciz mill-ewwel Qorti mhux misthoqq. Ovvjament, dan ma jcahhadx lil xi terz, jekk jippretendi li ghadu fiz-zmien, li jfittex ghal sehem minghand l-atturi, pero` ghal fini ta' din il-kawza, saret il-prova rikjesta biex l-atturi jkunu jistghu jippromwovu din il-kawza.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju, hu veru li l-atturi talbu l-hlas tal-kapital flimkien mal-imghax li akkumula <u>mill</u>-14 ta' Awwissu 2001 sal-lum. Ma jidhirx li dan hu zball tal-pinna ghax l-istess jinghad fiz-zewg talbiet attrici. Jibqa l-fatt, pero`, li l-"imghax" sal-14 ta' Awwissu 2001 (rapprezentanti s-somma ta' £stg1,150) mhux proprjament "imghax" ghall-atturi, ghax hu imghax dovut u pagabbli lill-Anthony Grech <u>qabel ma miet</u>. Dan l-imghax, allura, huwa parti mill-patrimonju tal-istess Anthony Grech li jirrapprezenta, allura, parti mir-ritorn fuq l-investiment li ghamel l-istess Anthony Grech. Kwindi, it-talba li saret ghal hlas lura tal-investiment, tkopri dak kollu li kien ta' Anthony Grech sad-data tal-mewt tieghu, u l-aggravju relattiv qieghed, ghalhekk, jigi michud.

Bit-tielet aggravju taghha, is-socjeta` konvenuta appellanti, qed tilmenta mill-fatt li qed tigi mitluba thallas is-somma ta’ £stg11,150, b’imghax ulterjuri b’effett mid-29 ta’ Jannar 2004, data tal-ittra ufficjali interpellatorja li bghatu l-atturi. Jirrizulta li wara l-mewt ta’ Anthony Grech fis-7 ta’ April 2001, il-kumpanija fl-14 ta’ Awwissu 2001, meta immatura l-investiment, bghatet *cheque* ghall-ekwivalenti ta’ £stg10,000 lill-atturi, intestat lill-Provincjal Fr. Bernard Bartolo OFM, peress illi ma kinitx taf l-indirizz tal-Provincja Frangiskana. Dan ic-*cheque* nzamm mill-atturi u ma ssarrafx. L-atturi talbu hlas lilhom b’ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 2004, waqt li l-Provincja Frangiskana ppretendiet hi l-hlas b’ittra tas-7 ta’ Marzu 2003. Saret din il-kawza fit-22 ta’ Dicembru 2005 u s-socjeta` konvenuta ddepozitat fit-30 ta’ Jannar 2006 is-somma ta’ Lm6,227.03 ekwivalenti ghal £stg10,000 skont ir-rata tal-kambju tas-26 ta’ Jannar 2006.

Din il-Qorti ma tarax li s-socjeta` konvenuta mxiet bid-debita attenzjoni fil-materja. L-ewwel nett, jekk riedet timxi fuq l-istruzzjonijiet ta’ Anthony Grech, kellha tibghat il-hlas relattiv lill-Provincja Frangiskana u mhux lill-atturi. Din il-Qorti ssibha difficli temmen li s-socjeta` konvenuta ma setghetx, bi ftit indagni, issib l-indirizz tal-Provincja. Fit-tieni lok, darba li rat li c-*cheque* taghha ta’ Awwissu 2001 baqa’ ma ssarrafx u kien jidher car li kien hemm pretensjonijiet konfligenti kellhom jiddepozitaw il-flus mill-ewwel u mhux hames snin wara u

biss fil-mori ta' din il-kawza. Barra minn dan, f'Jannar tal-2006 dak li kien in kontestazzjoni ma kienx biss il-kapital ta' £stg10,000 izda l-imghax kollu fuq l-istess, u s-socjeta` konvenuta ma kellhiex dritt tippretendi li takkappara l-imghax ghaliha u tezimi ruhha mir-responsabbilta` billi tiddepozita l-kapital biss. Da parti tal-atturi, darba ma sarx depozitu tas-somma kollha in kontestazzjoni kellhom kull dritt ma jqisux l-istess depozitu bhala pagament, ghax skont il-ligi kreditur mhux obbligat jaccetta bicca mid-dejn (Artikolu 1156 tal-Kodici Civili). Kwindi, kif qalet l-ewwel Qorti, la darba c-cedola ma kinitx tkopri l-ammont kollu ma jistax jinghad li s-socjeta` konvenuta ma baqghetx responsabbli anke ghall-imghax, u jekk zammet il-flus f'*cheque book account*, jigifieri f'kont li ma jrendix imghax, ir-responsabbilta` ghal dan hu taghha.

Dwar l-appell incidentali ta' whud mill-atturi fuq il-kap tal-ispejjez, din il-Qorti tara' li kien l-awtur taghhom, Anthony Grech li bid-"donazzjoni" nulla li ghamel ta lok ghal dawn il-proceduri u kwindi kienet gusta l-ewwel Qorti li ordnat d-divizjoni tal-ispejjez.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premesi, tiddisponi mill-appell principali tas-socjeta` konvenuta Calamatta Cuschieri & Co Ltd billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell incidentali ta' whud mill-atturi billi wkoll tichad l-istess u ghalhekk tikkonferma in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk ta’ din it-tieni istanza jithallsu, dawk relatati mal-appell principali, mis-socjeta` Calamatta Cuschieri & Co Ltd appellanti, u dawk relatati mal-appell incidentali ta’ whud mill-atturi, mill-istess atturi li appellaw incidentalment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------